MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 248/2012

**GO plc**

**Vs**

**Carmelo Filletti (ID 272061M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sittin ewro u tlett centezmi (€460.03c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C80011705 moghtija mis-Socjeta' attrici u dan kif ser jigi 'ppruvat waqt it-Trattazzjoni u skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2- prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv.

Illi l-konvenut gie 'nterpellat sabiex ihallas izda baqa' 'nadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 21 ta'  Jannar, 2013 a fol 19 tal-process fejn eccepixxa:

Illi d-domandi attrici fil-konfront tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante illi huwa ma ghandu jaghti xejn lil GO plc.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Ra l-verbal datat 28 t' Ottubru, 2014 fejn Dr Ingrid Zammit Young ghas-Socjeta' attrici rrelevat li ghalkemm il-konvenut inghata diversi opportunitajiet biex iressaq il-provi tieghu dan baqa' ma ressaqx il-provi tieghu. It-Tribunal ra li fl-istess seduta tat-28 t'Ottubru, 2014 Dr Ingrid Zammit Young ghas-Socjeta' attrici talbet li dan it-Tribunal jghaddi ghas-Sentenza. It-Tribunal qed jirrileva li kien laqa' t-talba tas-Socjeta' attrici u ddifferixxa din it-talba ghas-sentenza in difett ostakolo.

In vista tal-fatt li l-konvenut baqa' ma pprezenta l-ebda prova t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' din it-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont t' erba' mija u sittin ewro u tlett centezmi (€460.03c), u dan bl-ispejjez u bl-imghax legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------